Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0269

Il-ftehim UE-Andorra dwar l-iskambju awtomatiku ta’ informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji: Protokoll Emendatorju

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2025 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni, tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta’ Andorra dwar l-iskambju awtomatiku ta’ informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali (COM(2025)0406 – C10-0203/2025 – 2025/0224(NLE))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2025)0406),

– wara li kkunsidra l-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta’ Andorra dwar l-iskambju awtomatiku ta’ informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjoni (COM(2025)0406),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 115, l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), u l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C10-0203/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 84 u l-Artikolu 117(8) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0199/2025),

1. Japprova l-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Prinċipat ta’ Andorra.